# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

# ONOR. IMĦALLEF
# IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, it-Tnejn 29 ta' Mejju, 2023**

**Kaz Nru. 33**

**Rikors Nru. 102/2023 ISB**

**Bin Han (KI: 524413L)**
**Jia Liu (KI: 64215A)**
**Leisure Clothing Limited (C8265)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat u**
**L-Avukat Generali**

**DAN HU DIGRIET MOGHTI FIL-MIFTUH GHAR-RIKORS TA' BIN HAN (KI: 524413L), JIA LIU (KI: 64215A) U LEISURE CLOTHING LIMITED (C8265) TAT-28 TA' APRIL 2023, U LI PERMEZZ TIEGHU QED JITOLBU ILLI L-QORTI TAGHTI ORDNI *INTERIM* FIS-SENS ILLI TISSOSPENDI L-EFFETTI TAS-SENTENZA TAL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI TAS-6 TA' JANNAR 2023 MOGHTIJA FIL-KONFRONT TAGHHOM SAKEMM IKUN HEMM EZITU FINALI FIL-PROCEDURI ODJERNI U KONSEGWENTAMENT TORDNA R-RILAXX TAL-ESPONENTI MILL-FACILITA' KORRETTIVA TA' KORDIN**

**Il-Qorti:-**

Rat **ir-Rikors** promotur pprezentat fl-1 ta' Marzu 2023 u rat illi b'digriet tas-17 ta' Marzu 2023, il-kawza kienet appuntata ghall-udjenza tal-5 ta' Mejju 2023;

Rat ir-**Risposta** tal-intimati tal-4 ta' April 2023;
Rat ir-**rikors** mressaq mir-rikorrenti fit-28 ta' April 2023 ghall-ghoti ta' mizuri *interim* u li qed iwassal ghad-digriet tal-llum;

Rat il-**verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju 2023** minn fejn jirrizulta illi l-Qorti ordnat l-allegazzjoni ta' proceduri kriminali illi r-rikorrenti kienu involuti fihom, deciza mill-ewwel istanza fil-21 ta' Marzu 2022 u b'mod finali mill-Qorti Kriminali fis-6 ta' Jannar 2023;

Rat illi f'dik l-istess udjenza, id-difensuri tal-intimati nghataw kopja tar-rikors tat-28 ta' April 2023 b'talba ghall-ghoti ta' mizuri *interim*, u nghataw terminu sabiex iressqu r-risposta taghhom;

Rat illi f'dik l-istess seduta, id-difensuri tar-rikorrenti ddikjara illi fir-rigward tar-rikors ghall-mizuri *interim* kienu ser iressqu xhud wiehed biss, filwaqt illi fir-rigward tar-rikors fil-mertu, huma kienu ser jaghlqu l-provi taghhom bl-allegazzjoni tal-processi relatati ghall-proceduri kriminali kif hawn fuq riferit;

Rat ukoll illi f'dik l-ewwel seduta, il-Qorti ordnat illi tinzamm seduta wahda biss ghall-provi tar-rikorrenti (10 ta' Mejju 2023) u ohra ghall-eghluq tal-provi tal-intimati (29 ta' Mejju 2023) "*bil-ghan illi wara din it-tieni seduta l-kawza tithalla ghat-trattazzjoni*";

Rat il-**verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2023**, minn fejn jirrizulta illi d-difensuri tar-rikorrenti ghamlu kjarifika fir-rigward tal-processi li taghhom kien qed jintalab li jigu allegati bi prova tar-rikorrenti.

Rat illi fl-istess seduta d-difensuri tal-intimati ressqu r-risposta taghhom ghar-rikors tat-28 ta' April 2023 bit-talbiet ghall-ghoti ta' mizuri *interim*, u f'din l-istess seduta "*id-difensuri tal-partijiet qablu illi fir-rigward tar-rikors ghall-hrug ta' ordnijiet interim m'ghandhomx provi xi jressqu*" u kienu lesti illi jittrattaw l-imsemmi rikors, kif fil-fatt ghamlu.

Rat illi f'dik l-istess seduta regghet saret referenza ghal dak li kien verbalizzat fis-seduta precedenti u d-difensuri tal-partijiet qablu illi "*l-ahhar paragrafu tal-verbal tal-5 ta' Mejju 2023 jirreferi ghall-proceduri fil-mertu taghha*", sabiex b'hekk gie affermat u konfermat, illi salv l-imprevvist, illum il-kawza ser tithalla ghat-trattazzjoni finali fil-mertu taghha.

Semghet it-t-trattazzjoni tal-abbli difensuri fir-rigward tar-rikors bit-talba ghall-hrug ta' mizuri *interim* tat-28 ta' April 2023;

Rat l-atti kollha, inkluz id-dokumenti allegati;

Rat illi l-kawza thalliet ghall-llum ukoll sabiex jinhata dan id-digriet fil-miftuh kif qed isir.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-isfond ta' proceduri fejn ir-rikorrenti qed jallegaw ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom in segwitu ghas-sejbien ta' htija taghhom b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Jannar 2023, ghal akkuzi illi kienu addebitati bihom fid-19 ta' Novembru 2014 meta tressqu sabiex jirrispondu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, huma ressqu l-odjern rikors fejn qed jitolbu lil din il-Qorti "***joghgobha tissospendi l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Jannar 2023 moghtija fil-konfront tal-esponenti sakemm ikun hemm ezitu finali fil-proceduri kostituzzjoanli fl-ismijiet premessi u konsegwentament tordna ir-rilaxx tal-esponenti mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin***".

Illi dan jaghmluh ghar-ragunijiet elenkati fl-istess rikors u dawk trattati verbalment. Isostnu principarjament illi huma sofrew ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq u jsostnu illi minn qari anke tal-atti procedurali quddiem il-Qrati penali, ghandu jirrizulta mqarr fuq livell *prima facie* illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fehmet xhiedha kuntrarjment ghal dak li kienu effettivament xehdu. Jsostnu illi huwa ferm evidenti illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fehmet xhiedha b'mod zbaljat bil-konsegwenza illi wasslet ghas-sejbien tal-htija tar-rikorrenti u l-kundanna tar-rikorrenti, li ma kellha qatt tkun.

Ir-rikorrenti jsostnu illi pendenti dawn il-proceduri huma jinsabu karcerati u huwa necessarju illi jigu skarcerati peress illi altrimenti, f'kaz illi din il-Qorti issib fil-mertu illi ghandhom ragun, allura jkunu qed isofru lezjoni tad-drittijiet taghhom ghal kull jum li jghaddi u jinzammu karcerati.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi ghal dan l-intimati jirrispondu billi ighidu illi rimedju provvizorju ghandu jinghata biss f'kazijiet estremi u eccezzjonali, u wara li gew kkwotati numru ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, sostnew illi fil-kaz odjern ma jezistux l-elementi mehtiega mill-ligi ghall-akkoljiment ta' talba bhal din. Isostnu illi ma hemmx cirkostanzi daqsekk gravi li jxaqilbu favur il-hrug ta' mizura provvizorja, ghaliex ma hemmx kwistjonijiet urgenti jew straordinarji bhal theddid fuq il-hajja jew l-inkomulita' fizika tal-persuna.

L-intimati jsostnu illi allegazzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fondamentali mhix ekwivalenti ghal sejbien gudizzjarju ta' tali ksur, u jsostnu illi d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali taghmel *res gudikata* tal-proceduri illi rriskontraw r-rikorrenti u li fihom instabu hatja u b'hekk ma ghandiex tinzamm milli tinghata effett. Jsostnu illi s-sentenza li qed jiskontaw giet imposta fuqhom legittimament u l-piena nflitta hija

fil-parametri tal-ligi, u hadd ahjar mill-Qrati ta' gurisdizzjoni penali ma seta' jew jista' jaghmel il-gudizzju fuq l-akkuzi illi r-rikorrenti affaccjaw.

L-intimati jsostnu illi huwa mehtieg mir-rikorrenti, ghal fini tat-talba ghall-mizura interim, illi (a) juru illi ghandhom dritt prima facie li nkiser u (b) illi qed issir hsara irrimedjabbli f'kaz illi ma tinharigx il-mizura interim u jikkontendu illi filwaqt illi z-zewg rekwiziti huma kumulattivi, b'dan kollu it-tnejn huma nieqsa bil-konsegwenza illi t-talba ghal mizura interim ma ghandiex tintlaqa'.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

Senjalati dawn il-fatti u sottomissjonijiet, il-Qorti tagħmel referenza għall-prinċipji legali illi jirregolaw il-ħruġ ta' dawn l-ordnijiet, liema prinċipji legali ġew imfissra sew fis-sentenza '**Emmanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et**'[1], fejn il-Qorti għamlet referenza għall-prinċipji li jirriżultaw minn każistika tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ta' awturi rinomati fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem:

> *"Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment [fn. 2 Q.E.D.B.* ***6.2.2003*** *fil-kawża fl- ismijiet* ***Mamatkulov et vs Turkija*** *(Applik. Nru. 46837/99) § 110] .*
>
> *F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu [fn. 3 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak* ***Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*** *(4th Edit, 2006) §.2. 2.8.3, p. 113].*
>
> *Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ [fn.4 Deg P.A. (Kost.) AE* ***16.4.2014*** *fil-kawża fl- ismijiet* ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et.****] ;*
>
> *"Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-*

[1] deċiża fit 2 ta' Ġunju 2014

*sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha."*

*"Fil-ktieb **"A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights"** (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tgħid illi: :-*

> *"As a general practice, measures (riferibbilment għal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb ... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment għar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures." (sottolinear ta' din il-Qorti).*
>
> *"... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated : the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination!"[2].*

Kif inghad fid-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta[3] u b'referenza ghal "*Factsheet*" tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar "*Interim Measures*" tqis dan ix-xorta ta' rimedju bhala eccezzjonali u tiddeskrivi hekk:

> *Interim measures are urgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question. In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition. The Court grants such requests for an interim measure only on an exceptional basis, when the applicant would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm … In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the 3 application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 of the Convention) or would face ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading*

---

[2] **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** (4th edition – 2006) by van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak

[3] 12/2021/1AF **Castillo Lourdes vs Avukat tal-Istat** 26.01.2021

> *treatment). More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests concerning the right to a fair hearing (Article 6 § 1) and the right to respect for private and family life (Article 8).*

Kif osservat il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza **Rosette Thake et vs Prim Ministru et**[4]:

> *…….. biex jista' jinghata rimedju provvizorju, jehtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja serja ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu.*
>
> *Minhabba f'hekk, l-ghoti ta' provvediment provvizorju f'kawza ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew cirkostanzi eccezzjonali li jaghmluh mehtieg* ara Daniel Alexnader Holmes vs Avukat Generali et – digriet P.A. kostit. AE 16.04.2014

**Konsiderazzjonijiet Ulterjuri**

Maghmula dawn il-konsderazzjonijiet, il-Qorti ddur ghall-kaz in ezami u tqis illi fil-każ odjern u fir-rigward tat-talba fir-rikors hawn trattat, l-elementi ta' urġenza u ħsara irreparabbli fuq imsemmija ma ġewx debitament ippruvati.

Il-Qrati tagħna, ai fini ta' ordnijiet bħal dak li għandha quddiemha din il-Qorti, dejjem segwew it-tagħlim tal-Qorti Ewropeja[5] kif fuq ikkunsidrat.

Fil-parti l-kbira tal-każijiet, talba bħal din tintalab minħabba possibilita' ta' tkeċċija minn pajjiż jew estradizzjoni. Ġie ukoll ribadit, li l-Qorti takkorda dan ir-rimedju fuq bażi eċċezzjonali b'mod, li jekk din it-talba ma tintlaqax, il-persuna tkun ser tiġi rinfaċċjata b'riskju serju ta' perikolu b'konsegwenza ta' dannu irreversibbli.

Il-Qorti kellha opportunita' li anke tisma' lid-difensuri tal-partijiet. Ai fini biss tal-istanza odjerna ma jirrizultax lil din il-Qorti li jezistu l-estremi ġuridiċi li jiddetta t-tagħlim tal-Qrati kif fuq imsemmi sabiex talba bħal din tkun milqugħa. Irid jiġi ipprovat l-element tal-perikolu kif fuq spjegat – u fil-fehma tal-Qorti, dan huwa kompletament nieqes.

Il-Qorti tibda biex tghid illi dak li qed jinghad f'dan il-provvediment mhux u ma ghandux jigi interpretat jew meqjus daqs li kieku il-Qorti qed tesprimi ruha fuq il-mertu tal-kaz.

[4] Rikors 50/16/1JRM

[5] 318/20/1TA **Mariama Ngady Parsons vs L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali et** deciza 29.12.2020

Il-Qorti tqis illi l-provi u l-argumenti migjuba l-quddiem mid-difensuri tar-rikorrenti bil-ghan illi jottjenu l-*interim measure* huma in effetti l-materja u l-provi applikabbli ghall-mertu tal-kaz. Fil-fatt, fit-trattazzjoni tal-abbli difensuri tar-rikorrenti, gew kkwotati brani, argumenti u premessi kif jinsabu fir-rikors promotur.

Issa l-Qorti Kostituzzjonali gja kellha opportunita' tesprimi ruha fuq dan fil-kaz **Repubblika vs Avukat tal-Istat**[6], meta ntqal hekk:

> *L-għan wara miżura proviżorja m'għandux ikun li jagħti rimedju finali qabel ma jkunu tressqu l-provi kollha u l-Qorti tkun f'pożizzjoni li tiddeċiedi l-kawża. F'dak l-istadju l-Qorti tkun f'pożizzjoni li tiddeċiedi jekk kienx hemm ksur, ikunux qegħdin jiġu miksura, jew x'aktarx ser jiġu miksura jeddijiet fundamentali.*
>
> *It-talba għall-ħruġ ta' ordni proviżorja m'għandha lanqas isservi sabiex Qorti tagħti xi fehma dwar il-meritu tal-kawża li jkollha quddiemha. Li wieħed jippretendi li Qorti tippronunzja ruħha b'xi mod dwar il-meritu f'dan listadju bikri tal-kawża kostituzzjonali, hu żbaljat.*

Il-Qorti tqis ukoll illi hija mhix ser tassumi l-gurisdizzjoni u funzjoni ta' Qorti penali, u allura certament illi mhix ser tidhol hi fil-mertu tal-provi mressqa quddiem il-Qorti Kriminali, imma sejra biss tiddeciedi dwar jekk il-proceduri fl-intier taghhom kkawzawx lezjoni ta' drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Dan imur biex ifisser illi <u>f'dan l-istadju</u>, l-akbar prova *prima facie* illi ghandha quddiemha l-Qorti hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi gabet l-istat tar-*res gudikata* fil-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti u illi wasslu ghal dawn il-proceduri. Il-Qorti f'dan is-sens u ghal finijiet tal-livell tal-prova rikjest f'dan l-istadju tabbraccja dak li jsostnu l-abbli difensuri tal-intimati illi *res iudicata pro veritate habetur*. Ghalhekk, certament illi l-oneru tal-prova, anke jekk fuq livell prima facie, illi r-rikorrenti kellhom fuq spallejhom sabiex jikkonvincu lil din il-Qorti taghti r-rimedju interim kien kbir hafna – u l-Qorti tqis illi dan ma rnexxilhomx jaghmluh.

Il-Qorti tqis ukoll illi fl-udjenza tal-llum ghandhom, kif diga' miftiehem bejn il-partijiet, jinghalqu l-provi fil-mertu, wara illi l-Qorti, dejjem bi ftehim mal-partijiet, diga' stradat il-kawza u ordnat l-allegazzjoni tal-proceduri penali (kif fil-fatt sar) u li bihom ir-rikorrenti jaghlqu l-provi taghhom u llum jinstemghu il-provi tal-intimati, bil-ghan illi wara llum, il-kawza tithalla ghat-trattazzjoni. Dan jaghti konfort lil din il-Qorti fis-sens illi mhux prevvist illi jkun hemm dewmien f'dawn il-proceduri u kwindi jmur ukoll biex jimmilita kontra l-posizzjoni mehuda mir-rikorrenti illi tezisti xi urgenza li tirrikjedi l-ghoti ta' ordni *interim*. Lanqas ma l-Qorti tqis illi hemm in-necessita' ta' mizura eccezzjonali u drastika bhal l-*interim order* li qed jigi mitlub.

Ulterjorment, kif inghad fil-kaz **Micallef vs Malta**[7]:

---

[6] 472/2022/1 deciza 24.11.2022

[7] (ECrtHR) 15/10/2009 (17056/06) (para 75) – kkwotat kif rapportat fil-ktieb "A commentary on the Constitution of Malta, 2016)

*Preliminary proceedings, like those concerned with the grant of an interim measure such as an injunction, are not normally considered to determine civil rights and obligations and do not therefore normally fall within the protection of Art. 6. Nevertheless, in certain cases, the Court has applied Art. 6 to interim proceedings, notably by reason of their being decisive for the civil rights of the applicant.*

*Moreover, it has held that an exception is to be made to the principle that Art. 6 will not apply, when the character of the interim decision exceptionally requires otherwise, because the measure requested was drastic; disposed of the main action to a considerable degree, and unless reversed on appeal would have affected the legal rights of the parties for a substantial period of time.*

Għalhekk, anke fid-dawl ta’ dan l-insenjament u mpoggija fil-kwadru ta’ dak kollu li jirrizulta lil din il-Qorti u l-konsiderzzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrent ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment.

**DECIDE**

**GHALDASTANT**, il-Qorti wara illi rat l-atti kollha proċesswali relattivi u rilevanti ai fini tad-determinazzjoni tat-talba mressqa fir-rikors tat-28 ta’ April 2023, u wara l-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, tghaddi biex **tiċħad** it-talba tar-rikorrenti kif mressqa bir-rikors taghhom msemmi.

**Spejjeż** tal-proċedura odjerna ghar-rikorrenti.

**Moghti fil-miftuh, illum 29 ta’ Mejju 2023.**

**Ian Spiteri Bailey**
Imħallef

**Marisa Bugeja**
Deputat Reġistratur